MALTA COMMUNICATIONS AUTHORITY

**Press Release /** 5 ta' Diċembru 2016

# L-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni (MCA) u d-Dipartiment tal-eLearning iniedu inizjattiva sabiex jippromwovu l-coding fost l-istudenti

## Malta tingħaqad mal-kumplament tad-dinja fl-inizjattiva 'Hour of Code'

L-MCA flimkien mad-Dipartiment tal-eLearning fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, niedu inizjattiva nazzjonali li fiha ipparteċipaw, 'l fuq minn erbgħin skola madwar Malta u Għawdex, ipparteċipaw f'numru t'attivitajiet. F'dawn l-attivitajiet, kien hemm madwar 6000 student li ħadmu fuq il-prinċipji bażiċi tal-*coding* sabiex jipparteċipaw fl-'Hour of Code'- inizzjattiva nazzjonali li l-għan tagħha huwa li tgħarraf dwar il-*coding* u tippromwovi l-opportunitajiet li ġġib magħha x-xjenza tal-kompjuter.

F'attività partikolari f' Santa Klara, l-iskola primarja ta' Pembroke, ġew issettjati numru ta' stazzjonijiet sabiex iħaddmu attivitajiet tal-*coding*, *plugged* u *unplugged*, għal studenti ta' bejn 8 u 10 snin. Waqt din l-attività, l-Onor. Dott. Manuel Mallia indirizza kelmtejn ta' inkoraġġiment lill-istudenti li bdew jużaw il-*coding*, wara li huwa stess uża l-ħiliet tal-*coding* tiegħu biex kiteb programm qasir li kkontrolla robot li kien preżenti. Il-Ministru saħaq li dawn l-attivitajiet huma importantissimi sabiex jinbed l-interess fil-*coding* fost studenti ta' età hekk bikrija. Dan jgħin sabiex  tikber il-kapaċità teknoloġika; għodda neċessarja għall-industriji futuri li se jkunu dipendenti ħafna fuq it-teknoloġija.

Dott. Edward Woods, Ċermen tal-MCA, apprezza l-kooperazzjoni li sar mal-Ministeru tal-Edukazzjoni u estenda l-gratitudni tiegħu lejn Ms Cynthia Aquilina, il-Kap tal-Iskola, għall-għajnuna li tat sabiex tnediet din l-inizjattiva b'suċċess. Dott. Woods stqarr li jidher biċ-ċar li din il-kooperazzjoni qiegħda toħloq sinerġiji bejn entitajiet differenti, u dan iwassal għal riżultati pożittivi ferm. Saħaq ukoll li l-ebda entità individwali ma tista' tnaqqas il-qabża diġitali waħedha, u huwa biss permezz tal-kooperazzjoni bejn l-entitajiet li l-MCA tista' taspira għal u tikseb riżultati aħjar.

Dan l-avveniment ġie addizzjonalment approvat mill-Membri tal-Parlament Ewropew; Dr Miriam Dalli u Dr Roberta Metsola, li aktar kmieni din is-sena għamlu żjarat uffiċjali lill-MCA fejn irrikonoxxu l-isforzi tal-Awtorità biex tippromwovi l-*coding* fost it-tfal tal-iskola. Iż-żewġ MEPs appoġġaw bis-sħiħ din l-inizjattiva billi bagħtu messaġġi rrekordjati fejn faħħru l-inizjattiva bejn l-MCA u d-Dipartiment tal-eLearning u ħeġġu biex ikun hemm iktar skejjel u studenti li jieħdu sehem f'aktar  f'attivitajiet simili fil-futur.

L-Awtorità tkompli tinvesti l-ħin u r-riżorsi tagħha fit-tqassim tat-tagħrif fuq l-importanza tat-tħassib komputazzjonali fost l-istudenti permezz ta' numru ta' inizjattivi fis-sena li ġejja, u tistieden lill-entitajiet sabiex jikkuntattjawha jekk jixtiequ li jikkollaboraw jew jikkontribwixxu għal dan ir-rigward.

For further information, you are kindly requested to contact:
Sharon Scerri, Coordinator: Media Relations & Online Communications, Malta Communications Authority
Tel: 2205 9406, Mob: 9906 6200, Email: sharon.scerri@mca.org.mt
Malta Communications Authority, Valletta Waterfront, Pinto Wharf, Floriana FRN 1913    Tel: (+356) 21 336 840